MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011

Rikors Numru. 23/2011

**Joseph Lia**
**vs**
**Maria Assunta Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur tal-11 ta’ Jannar 2011 li jghid hekk:

Illi r-rikorrenti huwa kreditur tal-intimata fis-somma ta' tmintax-il elf hames mija u tmienja u hamsin ewro u tmien centezmu tal-ewro (€I8,558.08) rapprezentanti hamest elef sitt mija u sittin ewro u tmienja u tletin centezmu tal-ewro (€5,660.38) sorte, tnax-il elf tliet mija u sebgha u sittin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (€I2,367.93) imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) kalkolat sal-ghaxra (10) ta' Dicembru elfejn u ghaxra (2010), u hames mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u sebghin centezmu tal-ewro (€529.77) spejjez gudizzjarji skond taxxa ufficjali, liema kreditu gie kkanonizzat perrnezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Kummerc moghtija nhar

il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u tnejn u disghin (1992) fl-ismijiet *Joseph Lia* vs *Maria Assunta Borg,* citazzjoni numru 998/87/JF [vide annessi Dok. 'JLI' sa 'JL3'];

Illi ghaddew 'l fuq minn ghaxar (10) snin minn dakinhar li fih skond il-ligi setgha jigi esegwit dan it-titolu esekuttiv *ossia* s-sentenza fl-ismijiet *Joseph Lia* vs *Maria Assunta Borg* fuq indikata;

Illi dan id-debitu ghadu dovut u r-rikorrenti ghandu interess li tali titolu esekuttiv *ossia* s-sentenza fl-ismijiet *Joseph Lia* vs *Maria Assunta Borg* fuq indikata, jigi esegwit;

Ghaldaqstant r-rikorrenti jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara esegwibbli s-sentenza fuq indikata moghtija mill-Qorti tal-Kummerc nhar il-25 ta' Settembru 1992 fl-ismijiet *Joseph Lia* vs *Maria Assunta Borg,* citazzjoni numru 998/87/JF; u

2. Tawtorizzah jesegwixxi l-istess sentenza kontra l-intimata Maria Assunta Borg (ID nru.0523731M);

u dan taht dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni;

Rat id-dokumenti esebitti;

Rat li l-konvenuta debitament notifikata u baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' Dr. Michael Grech li kkonferma bil-gurament tieghu li l-klijent tieghu ghadu dovut bl-ammont kollu fis-sentenza mertu ta' din l-azzjoni cioe €18,558.08;

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez ghall-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------